MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 140/2004

**Vodafone Malta Limited**
**Vs**

**Karen Whitaker**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm485.46 (erbgha mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici cellulari.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-3 ta’ Frar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fil-1 ta’ Marzu 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------